# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMHALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMHALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 5**

**Citazzjoni numru 134/95 PC**

**Gioacchino sive Jack Bugeja u b'digriet tat-28 ta' Ottubru, 2004, il-gudizzju gie trasfuz f'isem Josef Bugeja, u Therese Bugeja mart Jack Bugeja bhala legittima rapprezentanta ta' binha minuri Anthony George bin l-istess Joachim u Theresa nee` Vella, minflok Jack Bugeja li miet fil-mori tal-kawza**

**v.**

**Kummissarju tal-Art**

**Il-Qorti:**

**<u>Preliminari</u>**

1. Dan huwa appell maghmul mill-konvenut, minn sentenza [is-sentenza appellata] moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) fil-gurisdizzjoni superjuri taghha, fit-13 ta' Gunju 2012, li permezz taghha dik

il-Qorti ddikjarat: (1) li l-esproprju li sar mill-konvenut tal-art maghrufa "Tal-Ksajjem", meta din l-art kienet fil-pussess tal-attur bhala inkwilin, liema esproprju sar permezz tad-dikjarazzjoni presidenzjali tal-11 ta' Novembru 1994 u ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern numru 716/1994, ma jissodisfax ir-rekwiziti tal-ligi, peress li l-esproprju ma sarx ghal "skop pubbliku" fit-termini tal-ligi; (2) li bl-agir tieghu l-konvenut agixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrativa stante li t-talba tieghu ghall-esproprjazzjoni ma gietx ezercitata fil-limiti permessi mil-ligi u ghalhekk l-ordni relattiva tal-esproprjazzjoni tal-art in kwistjoni hija nulla; u (3) iddikjarat lill-konvenut responsabbli ghad-danni konsegwenzjali, likwidabbli f'gudizzju separat, ikkagunati minhabba l-agir tieghu.

**Mertu**

2. F'dawn il-proceduri, l-attur, illum mejjet, bhala inkwilin tal-barriera maghrufa bhala 'Tal-Ksajjem', qed jattakka decizjoni tal-konvenut li permezz taghha din il-barriera giet mehuda mill-konvenut b'titolu ta' *possession and use* sabiex tintuza bhala post pubbliku ghar-radam ta' skart tal-kostruzzjoni. Huwa jallega illi dan ma sarx ghal "skop pubbliku" kif tirrikjedi l-ligi u kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministattiva fit-tehid ta' din id-decizjoni da parti tal-konvenut. Konsegwentement qed jitlob dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kagunati lilu rizultat ta' tali decizjoni.

**L-Appell**

3. L-aggravji tal-konvenut jistghu jigu sintetizzati hekk: [1] li ma huwiex minnu illi l-esproprjazzjoni tal-barriera ma saritx ghal skop pubbliku; [2] li ma huwiex minnu li, fid-decizjoni li jespropja l-art, l-konvenut agixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrattiva, stante li hu agixxa fil-limiti permessi mil-ligi [3] li l-konvenut ma huwiex responsabbli ghal kwalsiasi danni allegatament danni subiti mill-attur.

Ghalhekk il-konvenut qed jitlob lil din il-Qorti sabiex tirrevoka s-sentenza appellata, billi tichad *in toto* t-talbiet tal-attur, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

L-atturi wiegbu b'risposta prezentata fl-10 ta' Awissu 2012 li permezz taghha, ghar-ragunijiet hemmhekk esposti, jissottomettu illi dan l-appell ghandu jigi michud, bl-ispejjez kontra l-konvenut.

**Is-Sentenza Appellata**

4. L-ewwel Qorti waslet ghad-decizjoni taghha, a bazi tas-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Illi permezz ta' din il-kawza l-attur ittenta jattakka decizjoni tal-konvenut li permezz taghha bicca art mikrija lilu giet sproprjatata temporanjament b'titolu ta' *possession and use* sabiex tintuza bhala post pubbliku ghar-radam ta' skart tal-kostruzzjoni. Huwa jallega illi dan ma sarx ghal "*skop*

*pubbliku*" kif tirrikjedi l-ligi u kien hemm nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministattiva fit-tehid ta' din id-decizjoni. Konsegwentement talab dikjarazzjoni li l-konvenut huwa responsabbli ghad-danni kagunati lilu b'rizultat ta' tali decizjoni.

"Ghal din ic-citazzjoni l-konvenut Kummissarju ta' l-Art wiegeb li d-dikjarazzjoni Presidenzjali li biha giet esproprjata l-art in kwistjoni, tikkostitwixxi fiha nnifisha prova li l-art kienet mehtieta ghal skop pubbliku u ebda prova kuntrarja ma tista' tingieb, u dan ai termini ta' l-artikolu 6 tal-Kap. 88 li jirregola din il-materja. Jikkontendi wkoll li l-attur ma fehemx id-distinzjoni bejn interess pubbliku u skop pubbliku u ghalhekk l-azzjoni tieghu hija ntempestiva.

"Il-fatti li taw lok ghal din il-kawza, fil-qosor, kienu s-segwenti:

"L-attur, illum mejjet, kellu f'idejh bicca art estensiva, proprjament barriera ezawrita maghrufa bhala "Tal-Qsajjam" fl-inhawi ta' Wied il-Mielah, l-Gharb, Ghawdex, Din kien hadha b'kera minghand is-sidien taghha, wara li anke hallas rigal, bl- iskop li jarmi fiha l-iskart ta' l-iskavazzjoni u demolizzjoni li kien jirrizulta mix-xoghol tieghu bhala wiehed mill-kuntratturi ewlenin f'dan ir-rigward f'Ghawdex.[1] Wara li gab il-permessi mehtiega u kien gia ilu xi zmien jarmi l-iskart tieghu f'din il-barriera, darba minnhom gie rinfaccjat minn ufficcjali governattivi li nfurmawh li l-barriera kienet ser tigi esproprjata ghar-radam mill-pubbliku, u ghalhekk kien ser jitlef il-kontroll fuqha.[2] Infatti l-esproprjazzjoni harget fil-11 ta' Novembru 1994 u giet pubblikata fil-Gazzetta tal-Gvern nru.716/1994. Minhabba f'hekk l-attur kellu jaqsam din il-barriera mal-kuntratturi l-ohra kollha f'Ghawdex, bil-konsegwenza li din imtliet hafna qabel ma kien ippreveda meta hadha b'kera.

"Rigward il-kwistjoni jekk il-Qorti ghandhiex poter tissindika decizjoni dwar esproprjazzjoni, kien hemm diversi decizjonijiet tal-qrati taghna li accettaw illi ghalkemm qatt ma tista' tkun in diskussjoni l-awtorita' tal-gvern li jaghmel esproprjazzjoni ta' xi proprjeta' privata fl-interess pubbliku, il-qrati dejjem jibqaghlhom il-poter jinvestigaw jekk tali esproprjazzjoni tkunx verament saret ghal '*skop pubbliku*' kif tirrikjedi l-ligi. Infatti ntqal illi:

> "*Huwa minnu illi l-art.6 ta' l-istess Ordinanza* (il-Kap.88) *jghid illi: '(6) Hadd ma jista' jitlob prova ohra ta' l-iskop pubbliku.... minbarra d-dikjarazzjoni tal-President ta' Malta.' Madankollu, billi din il-qorti ghandha s-setgha u d-dmir li tara li jitharsu l-lggijiet kollha ta' Malta, fosthom id-disposizzjonijiet tal-Kostituzzjoni ta' Malta u tal-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-Libertajiet Fondamentali li jharsu l-jedd ghall-proprjeta' privata, din il-qorti ghandha wkoll is-setgha u d-dmir li tara li tassew it-tehid ta' l-art hu mehtieg ghal skop pubbliku billi s-setgha*

[1] Ara kopja ta' l-iskrittura ta' kera u ricevuta relattiva, esebiti bhala Dokti.1 u 2 a fol.139, 140 tal-process; ara wkoll pjanta esebita a fol.166 fejn din l-art tidher immakata bl-ahdar,u l-affidavit ta' Emanuel Vella a fol.134 – 138

[2] Ara kopja ta' l-ittra mibghuta mill-Ministeru ghal Ghawdex lill-Kummissarju ta' l-Art datata s-7 ta' Jannar 1994: Dok.KA 1 a fol.224

> *ta' l-awtorita' pubblika li tiehu proprjeta' privata ma hix setgha mhollija ghal kollox fid-diskrezzjoni ta' dik l-awtorita'.*"[3]

"Hekk ukoll gie deciz illi:

> "*Id-dritt tac-cittadin ghal smiegh xieraq jezisti meta tqum kwistjoni dwar id-determinazzjoni tad-drittijiet civili tieghu, mentri fil-kaz ta' esproprju…ic-cittadin m'ghandux dritt jostakola lill-Gvern u lanqas li jkun mismugh; id-drittijiet tac-cittadin huma marbuta mal-htiega li l-esproprjazzjoni verament tkun mehtiega ghal skop pubbliku, l-istess isir kif trid il-ligi u li jinghata kumpens adegwat (ara ukoll 'Bugeja vs Kummissarju tal-Artijiet' deciza minn din il-Qorti fl-4 ta' Ottubru 1996).*"[4]

"Dwar x'ghandu jinftiehem bi "**skop pubbliku**" gie mfisser illi:

> "*Il-qorti ma tindahalx leggerment biex tissostitwixxi l-kriterji taghha ghal dawk tal-gvern, u toqghod fuq il-fehma ta' l-awtorita' kompetenti hlief meta jintwera illi tassew ma seta' kien hemm ebda interess pubbliku fit-tehid tal-proprjeta' jew illi ma nzammx proporzjon xieraq bejn l-interess pubbliku u d-dritt privat ta' proprjeta' .*"[5]

"Irrizulta mill-provi prodotti li dik il-habta l-awtoritajiet governattivi kienu qed jigu rinfaccjati bil-problema ta' rimi illegali u bl-addocc ta' terrapien rizultanti mill-industrja tal-bini f'Ghawdex, u kienet qed issir pressjoni qawwija mill-kuntratturi nvoluti f'din l-industija biex jinstabulhom postijiet adattati ghar-rimi ta' l-iskart generat minn dan ix-xoghol taghhom. Il-Ministeru ghal Ghawdex ghalhekk waqqaf kumitat *ad hoc* biex jiddentifika siti madwar il-gzira li jistghu jigu utilizzati ghal dan il-ghan. Infatti nstabu madwar tnax il-barriera ezawrita li setghu jigu utilizzati biex jintefa' radam tal-kostruzzjoni fihom.[6] Minn dawn, apparti dik f'idejn l-attur, giet esproprjata wahda biss fis-sena 1990. Fir-rigward ta' uhud mill-ohrajn, intlahaq ftehim mas-sidien li accettaw il-kumpens offrut mill-gvern ta' dan l-uzu, u ma kien hemm l-ebda oggezzjoni da parti taghhom dwar dan.[7]

"Fil-fehma ta' l-atturi l-esproprjazzjoni li saret tal-barriera mikrija lil Jack Bugeja ma kienitx ghal skop pubbliku, imma biss ghall-konvenjenza ta' kuntratturi ohra, kompetituri tieghu, li kien jaqblilhom li jkollhom post pubbliku fejn jarmu l-iskart taghhom minghajr ebda tahbit u spejjez. Ta' l-inizzjattiva li kien ha l-attur wahdu biex isolvi l-problema tar-rimi ta' l-iskart generat mix-xoghol tieghu, huwa kien qed jigi punit billi ttehditlu proprju l-barriera li kien kera apposta ghal dan il-fini, biex imbaghad biha jinqdew ukoll l-iskavaturi kompetituri tieghu.

---

[3] Prim'Awla: Lapsi Estates Ltd. vs Kummissarju ta' l-Artijiet et. : 20.05.2003

[4] Prim'Awla: Andrew Vella et. vs Kummissraju ta' l-Artijiet et. : 23.04.2010; ara wkoll: J.J. Edwards noe. vs Kummissarju ta' l-Artijiet et noe. :22.10.2004; u Prim'Awla: Ganni Farrugia et vs Kummissraju ta' l-Artijiet: 5.03.2004

[5] J.J. Edwards vs Kummissarju ta' l-Artijiet gia citata

[6] Ara lista esebita minn Joseph Portelli; Direttur Progetti u Zvilupp fil-Ministeru ghal Ghawdex: Dok.JP 1 a fol. 120

[7] Ara deposizzjoni ta' Joseph Portelli afol.113 - 119

“Din il-Qorti taqbel li ma kien hemm l-ebda skop pubbliku f’din l-esproprjazzjoni. Jekk kien hemm problema ta’ rimi ta’ skart generat mill-industrija tal-kostruzzjoni f’Ghawdex, is-soluzzjoni ma kellhiex tkun li tittiehed proprju l-barriera ta’ min ra kif ghamel biex b’mod legali u a spejjez kompletament tieghu ikollu r-radam personali tieghu. Ma kien hemm xejn x’izomm lill-kuntatturi l-ohra biex jaghmlu bhall-attur u huma wkoll ifittxu siti adattati ghar-rimi ta’ l-iskart taghhom. Naturalment u ghal skopijiet kummercjali facilment spjegabbli, kien izjed konvenjenti ghalihom li jitfghu din il-problema f’riglejn il-gvern, li biex jevita li jibqa’ jsir t-tfiegh ta’ radam fejn gie gie, bi hsara kbira ghall-ambjent, ghazel li jikkuntentahom u jipprovdilhom hu s-soluzzjoni. Dan pero’ ma kellux ikun a skapitu ta’ min kien dilegenti bizzejjed li kien ra kif ghamel biex ikollu fejn jarmi l-iskart generat mix-xoghol tieghu u jsolvi l-problema wahdu. Ma rrizultax li b’xi mod kien ser jinqeda l-pubbliku in generali bl-esproprjazzjoni li saret tal-barriera mikrija lill-atturi, ghax din ma kienitx intiza ghar-rimi ta’ l-iskart domestiku, imma semplicement ghall-konvenjenza ta’ ftit kuntratturi ohra li kien jaqblilhom li haddiehor jipprovdilhom hu servizz gratuwitu fejn jarmu t-terrapien taghhom. Infatti jidher li l-awtoritajiet stess eventwalment dan irrealizzawh, u wara dik ta’ l-attur ma regghetx saret ebda esproprjazzjoni ohra ghal dan il-fini.

“Nigu issa sabiex jigi kkunsidrat jekk f’dak li sar kienx hemm xi nuqqas serju ta’ diskrezzjoni ammistrattiva da parti ta’ l-awtoritajiet koncernati. Ghalkemm ma kien hemm l-ebda eccezzjoni formali f’dan is-sens, il-konvenut fin-Nota ta’ l-Ossevazzjonijet tieghu jaccenna ghall-possibilita’ li jista’ jkun hemm nuqqas ta’ gurisdizzjoni biex din il-Qorti tissindika ghemil bhal dan tal-gvern. Dan ghaliex meta giet intavolta din il-kawza, l-artikolu 469A tal-Kap.12 li jaghti poter lill-qrati taghna sabiex jisindikaw decizjonijiet amministrattivi kien ghadu ma giex fis-sehh. Billi l-kwistjoni ta’ gurisdizzjoni hija wahda ta’ ordni pubbliku, anke jekk ma ssemma xejn f’dan ir-rigward fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijet tal-konvenut, tali kwistjoni ma tistax tigi njorata mill-Qorti. Huwa minnu li l-Att XXIV tal-1995 li permezz tieghu gie introdott dan l-artikolu, gie fis-sehh biss fl-1 ta’ Ottubru 1995,[8] u din il-kawza giet intavolta ftit qabel u precizament fl-14 ta’ Awwissu ta’ l-istess sena, u ghalhekk ma jistax jigi nvokat l-artikolu 469A. Madankollu tezisti gurisprudenza kostanti li tikkonfema li anke precedentement, meta l-ligi taghna ma kienet issemmi xejn f’dan ir-rigward, il-qrati taghna, influenzati mid-dritt amministrattiv ingliz, kienu accettaw li jissindikaw decizjonijiet amministrattivi. Hekk, per ezempju, inghad illi:

“*Ghalhekk mis-suespost titnissel necessarjament il-konkluzjoni illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti fir-rigward tat-Tribunal Industrijali hija dupplici. F’dawn iz-zewg vesti, il-Qorti ghandha gurisdizzjoni li tissindika t-Tribunal u li tara li dan jimxi skond il-lggi u josserva l-Kostituzzjoni ta’ Malta. Il-Qorti ghandha d-dritt tissindika, meta tkun hekk mitluba u adita, li t-Tribunal jagixxi fil-limiti tal-ligi illi in forza taghha huwa kostitwit. Evidentement u indubbjament imbaghad, il-Qorti ghandha s-setgha li*

[8] A.L.131/1995

*tara li t-Tribunal bl-ebda mod kiser xi wiehed mid-drittijiet fundamentali tal-bniedem kif proprju huwa allegat fil-procedura in dizamina...*".[9]

"Fil-kaz in ezami gie allegat minn Emanuel Vella[10] hu l-mara ta' l-attur, li kien jghinu fix-xoghol tieghu u li xehed fl-assenza ta' l-attur li miet ftit wara li giet ippresentata din il-kawza, illi l-attur kien gie eskluz ghal kollox mid-diskussjonjiet li kellhom il-kuntratturi ghawdxin ma' l-awtoritajiet governattivi meta saret it-talba biex jinstabilhom sit adattat fejn jarmu r-radam taghhom, ghalkemm kienu jafu bih u li dan kien ghadu kemm akkwista barriera proprju ghal dan l-iskop. Irrizulta wkoll illi huwa gie nfurmat bid-decizjoni li kienet ser tittehidlu l-barriera tieghu minn ufficcjali governattivi fuq il-post stess, meta gie mwissi biex ihalli l-barriera f'idejhom u ma jfixkilx lill-kuntratturi l-ohra milli jmorru jarmu r-radam taghhom fil-barriera tieghu. Gara wkoll illi minkejja l-protesti kollha ta' l-attur biex ghall-inqas il-kuntratturi l-ohra juzaw parti mill-barriera li kienet inkluza fl-esproprjazzjoni, imma li ma kienitx giet mikrija lilu,[11] u li ukoll kienet direttament accessibbli mit-triq, ghal xi raguni li baqghet ma gietx spjegata, l-awtoritajiet xorta wahda insistew li kulhadd juza l-parti tal-barriera mikrija lill-attur. Dawn ic-cirkostanzi baqghu qatt ma gew michuda mill-konvenut jew ix-xhieda minnu prodotti.

"Jirrizulta evidenti li hawnhekk ghandna kaz klassiku ta' nuqqas ta' diskrezzjoni ta' gudizzju ta' l-awtoritajiet koncernati meta gew biex jiehdu d-decizjoni li laqtet daqshekk hazin lill-attur. Fuq kollox kien hemm ksur tal-principju ta' gustizzja naturali ta' l-*audi alteram partem.* L-attur fl-ebda stadju tal-proceduri involuti ma nghata smiegh xieraq, minkejja l-isforzi kollha tieghu biex jigbed l-attenzjoni ta' l-awtoritajiet ghall-kaz tieghu, kif jirrizulta mill-korrispondenza kollha li tirrizulta mill-process,[12] u anke l-proceduri gudizzjarji li ha f'dan ir-rigward.[13] Huwa principju stabilit mill-qrati taghna li anke fi proceduri ta' esproprjazzjoni ta' proprjeta' privata fl-interess pubbliku, l-amministazzjoni ghandha tosserva l-htigijiet tal-principji tas-smiegh xieraq fl-implimentazzjoni tal-politika governattiva taghha.[14] Kif gie mfisser fis-sentenza tal-House of Lords citata f'din il-kawza:

"If the principles of natural justice are violated in respect of any decision, it is indeed immaterial whether the same decision would have been arrived at in the absence of the departure from the essential principles of justice. The decision must be declared to be no decision."[15] Barra minn

---

[9] Prim' Awla: Thomas Montalto vs Maggur Stanley Clews Chaiman tat-Tribunal Industrijali et. 26.05.1987; ara wkoll fl-istess sens: Sammut vs Bel Malance kollez. Vol. XXXII.ii.350, moghtija fl-1946; Prim'Awla: Michael Vella et pro et noe vs Emanuel C.Farrugia noe. 13.04.1987 vol. LXXI.ii.646; T.Montalto vs L.Chircop: 18.4.1987; Salvino Borg d'Anastasi vs Ian De Cesare et noe. 3.04.1989.

[10] Ara affidavit tieghu a fol.134 -138

[11] Dik indikata bil-kulur ahmar fuq il-pjanta esebita a fol.166

[12] Ara dokumenti esebiti ma' l-affidavit ta' Emanuel Vella

[13] Ara atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni nru.799/94; kopja esebita a fol.142-143, u l-isfida lill-Kummissarju tal-Pulizija (atti allegati ma'dan il-process).

[14] Prim'Awla: Giovanni Fenech et vs Kummissarju ta' l-Artijiet: 2.04.2004

[15] General Medical Council vs Spackman : 1943

> hekk il-mod kif gie ttrattat l-attur ihalli dubbju jekk kienx hemm motivi ulterjuri wara din l-azzjoni, u jekk ittiehdux xi konsiderazzjonijiet estranei fl-uzu tad-diskrezzjoni ezercitata mill-awtoritajiet f'dan il-kaz.

"F'tali cirkostanzi kien gustifikat l-attur li jirreklama d-danni kkaggunati lilu minhabba dan l-agir ta' l-awtoritajiet. Billi pero' ma talabx il-likwidazzjoni taghhom, il-Qorti ser tieqaf hawn, minghajr pregudizzju ghal xi proceduri ulterjuri li l-atturi presenti jistghu jiehdu 'l quddiem f'dan ir-rigward.

**<u>L-Aggravji</u>**

*L-Ewwel Aggravju*

5. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut jissottometti, inter alia, li jirrizulta provat li sa meta ttiehdet l-art in kwistjoni, il-kuntratturi li jahdmu fil-gzira ta' Ghawdex ma kellhomx fejn jarmu r-radam b'mod legali, bir-rizutlat li l-irdim illegali kien qieghed johloq sfregju fl-ambjent tal-gzira u wkoll hsara ghall-pubbliku in generali. Jghid li, kif jirrizulta mill-provi, il-barriera mertu tal-kawza giet espproprijata wara bosta laqghat, konsultazzjonijiet u ricerki maghmula minn Bord li nhatar appozitament sabiex ifittex lokalitajiet idoneji fejn jista' jintefa' rdim relatat mal-attivita` tal-kostruzzjoni. Jissottometti illi l-ewwel Qorti kienet zbaljata meta waslet ghall-konkluzjoni illi l-attur kien sab soluzzjoni legali ghar-rimi tal-iskart tieghu, ghaliex fil-fatt huwa ma kellux permess biex jaghmel hekk. Isostni illi l-kaz odjern huwa kaz genwin fejn l-awtoritajiet hassew htiega iminenti li jkun hemm post adattat fejn isir l-iradim. Jissottometti ulterjorment illi

lill-attur ma ttihiedlu xejn ghaliex huwa kien il-kerrej u mhux is-sid tal-art u, fi kwalunkwe kaz huwa wkoll seta' jibqa' jaghmel uzu minn tali barriera bhall-bqija tal-kuntratturi, u dan, minghajr hlas.

6. Il-konvenut jissenjala li l-irdim tat-terrapien f'postijiet illegali johloq numru ta' problemi fosthom sfregju lill-ambjent, danni fuq siti arkeologici u problemi ta' sahha. Jghid li, filwaqt li huwa car li l-iskop tal-esproprjazzjoni kien wiehed pubbliku, l-attur qed jagixxi biss ghall-iskopijiet personali tieghu.

7. L-atturi jwiegbu ghal dan l-aggravju, billi jossottomettu fl-ewwel lok illi l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax l-apprezzament tal-provi kif prodotti quddiem l-ewwel Qorti sakemm ma jirrizultax zball manifest li kawza tieghu parti jew ohra tkun ser tbati ingustizzja.

8. Dwar l-iskop ghat-tehid tal-barriera jisottomettu illi r-raguni vera ta' dan l-esproprju kienet dik li jigi sodisfatt il-bzonn ta' whud mill-kummercjanti li jahdmu fil-gzira ta' Ghawdex, u mhux ghal skop pubbliku, u dan minkejja li dawn il-kuntratturi setghu jaghmlu bhal ma ghamel l-attur, jigifieri jfittxu u ipprovdew siti ghalihom infushom bi hlas; izda li tigi esproprijata art li kienet qed tintuza ghal tfiegh ta' terrapien minn xi hadd

privat ma kinitx soluzzjoni gusta. Ghalhekk, l-ewwel Qorti kellha ragun tilqa' t-talba attrici f'dan ir-rigward.

9. Barra minn hekk, l-art tal-attur giet esproprijata minkejja li qabel l-esproprju kienu gew individwati numru ta' siti, uhud anke abbandunati, li setghu iservu l-istess skop. Ukoll, il-barriera in kwistjoni hija sitwata fil-quccata tat-Tramuntana ta' Ghawdex u ghalhekk l-fattur tal-accessibbilta` tal-post ma giex pruvat. Jghid ukoll illi, ghalkemm l-attur kien talab li jibda jintefa' l-irdim f'parti mill-barriera li ma kinitx uzata u li hija adjacenti ghal dik mikrija lilu, it-talba tieghu ma ntlaqatx.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

10. Dan jirrigwarda l-ezistenza o meno tal-fattur tal-iskop pubbliku ghall-esproprjazzjoni tal-barriera in kwistjoni. Il-konvenut jilmenta li, minkejja li dik il-Qorti irrikonoxxiet illi fiz-zmien rilevanti l-awtoritajiet governattivi kienu qed jigu rinfaccjati bil-problema ta' rimi illegali u bl-addocc ta' terrapien generat fl-industrja tal-kostruzzjoni tal-bini f'Ghawdex u kienet qed issir pressjoni qawwija mill-kuntratturi involuti f'din l-industrija biex jinstabulhom postijiet addattati ghar-rimi tal-iskart generat minn dan ix-xoghol taghhom, xorta wahda dik il-Qorti ikkonkludiet illi l-

esproprjazzjoni tal-barriera *de quo* ma saritx ghal skop pubbliku, imma saret ghall-beneficcju ta' kuntratturi ohra bhall-attur.

11. Fl-ewwel lok, din il-Qorti tosserva illi huwa assodat fil-gurisprudenza patria, li l-Qorti tal-Appell bhala qorti ta' revizjoni ma tiddisturbax leggerment id-diskrezzjoni tal-Qorti tal-prim istanza, hlief meta tkun manifestament zbaljata jew ghax ikun hemm ragunijiet serji, jew ghaliex l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha [App.C. Emanuel Cardona et v. Dr. Graham Busuttil, deciza 10 ta' Jannar 1995]. Dan ma jsirx "*sakemm l-appellant – ghax fuqu trid tinkombi l-prova – ma jissodisfahiex li kien hemm ragunijiet validi bizzejjed biex jitfghu dubju ragjonevoli fuq il-gustizzja tal-apprezzament ta' provi li ghamlet l-ewwel Qorti u li konsegwentement jekk ma tintervjenix biex tvarja l-konkluzzjonijiet taghha, tkun ser tigi kommessa ngustizzja manifesta*". [App.S. Paul Formosa v. Salvu Debono, deciz 5 ta' Ottubru 2001]

12. In tema legali, din il-Qorti tosserva li l-materja ta' x'inhu skop pubbliku fi procedura ta' esproprjazzjoni hija regolata mis-segwenti principji identifikati mill-gurisprudenza. L-oneru tal-prova li l-esproprju sar fl-interess pubbliku jirrisjedi fuq l-Istat.[16] Dan l-interess ghandu jibqa' jissussisti sal-mument li l-art tkun definittivament ghaddiet f'idejn l-Istat bil-

[16] Q.Kos. **Pawlu Cachia v. Avukat Generali** – 28 Dicembru 2001

konkluzjoni tal-proceduri ta' esproprju.[17] L-interess pubbliku hu immirat lejn il-generalita` u marbut mal-finalita` ahharija li ghaliha l-proprjeta` qed tintuza, u dan indipendentement minn jekk dik l-attivita` tkunx maghmula minn awtorita` pubblika.[18] Jinghad ukoll li skop pubbliku ma jista' qatt jirreferi ghall-interess essenzjalment privat, u l-interess huwa dejjem privat meta m' ghandux applikazzjoni ghal generalita' tac-cittadin, ta' l-universalita' tal-pubbliku fl-Istat. Mill-banda l-ohra pero' il-fatt li terz privat, individwu, jibbenefika wkoll mill-esproprju jew ikun involut b' xi mod fit-thaddim anke jekk bi profitt ghalih, ta' progett li jkun fl-interess pubbliku u li jkun jirrikjedi esproprijazzjoni ta' art jew possediment iehor, ma jfissirx necessarjament li dik l-esproprijazzjoni ma tkunx saret fl-interess pubbliku.[19] L-interess pubbliku jinkludi kull aspett tal-hajja socjali tal-pajjiz.[20] Dan l-iskop socjali jolqot firxa differenti ta' nies, anke jekk ikun hemm persuni li ma jinteressawx ruhhom f'attivitajiet in dizamina.[21] Jinghad ukoll li mhux eskluz li proprjeta' tigi esproprijata fl-interess pubbliku ghax kien hekk mehtieg biex tigi assigurata l-attwazzjoni kompleta ta' progett ta' utilita` partikolari fil-kuntest tal-izvilupp partikolari taz-zona.[22]

---

[17] Q.Kos. **Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari ghall-Ambjent et** – 28 Jannar 2005
[18] Q.Kos. **Josephine Mary Vella v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali u Kazin tal-Banda Leonard** – 25 ta' Mejju 2012
[19] **Tarcisio Borg v. Segretarju Parlamentari Ambjent** [supra]; Q.Kos. **Frendo Randon et v. Kummissarju tal-Artijiet** – 10 ta' Lulju 2009
[20] Ibid
[21] Q.Kos. **Philip Grech pro et noe v. Direttur Akkomodazzjoni Socjali** - 7 ta' Dicembru 2010
[22] Q. Kos. **Pawlu Cachia v. Avukat Generali et** [supra]

13. Il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem ukoll tenuncja certi principji rilevanti ghad-determinazzjoni dwar l-ezistenza ta' skop pubbliku. Fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Vistiņš and Perepjolkins v. Latvia**[23], tal-25 ta' Ottubru 2012, osservat hekk:

> "106. The applicants challenged the legitimacy of the aim pursued by the impugned expropriation. In this connection, the Court reiterates that, because of their direct knowledge of their society and its needs, the national authorities are in principle better placed than the international judge to appreciate what is "in the public interest". Under the system of protection established by the Convention, it is thus for the national authorities to make the initial assessment as to the existence of a problem of public concern warranting measures of deprivation of property. Here, as in other fields to which the safeguards of the Convention extend, the national authorities accordingly enjoy a certain margin of appreciation. Furthermore, the notion of "public interest" is necessarily extensive. In particular, the decision to enact laws expropriating property will commonly involve consideration of political, economic and social issues. The Court, finding it natural that the margin of appreciation available to the legislature in implementing social and economic policies should be a wide one, will respect the legislature's judgment as to what is "in the public interest" unless that judgment is manifestly without reasonable foundation (see Former King of Greece and Others (merits), cited above, § 87; James and Others v. the United Kingdom, 21 February 1986, § 46, Series A no. 98; and Beyeler v. Italy [GC], no. 33202/96, § 112, ECHR 2000-I)".

14. Din il-Qorti tosserva li f'dan il-kaz irrizulta b'mod lampanti li l-esproprjazzjoni saret fl-interess pubbliku u bl-iskop li tissolva l-problema tangibbli u inkontestata ta' rimi ta' skart industrijali b'mod abbuziv f'diversi postijiet fil-gzira ta' Ghawdex, b'dannu mhux biss ghall-ambjent izda wkoll ghas-sahha tar-residenti f'Ghawdex.[24] L-iskop ma kienx dak sottomess

[23] Application no. 71243/01
[24] Vide in rigward affidavit ta' Frank Mizzi mit-Taqsima Propjeta` tal-Gvern a fol 199 et seq tal-process

mill-atturi, li jgawdu minnu sezzjoni zghira ta' kuntratturi privati, izda ghal kuntrarju, kien ghall-beneficcju tal-pubbliku u r-residenti in generali.[25]

15. Ghalhekk, huwa erroneju li jinghad li f'dan il-kaz l-esproprju sar fl-interess merament privat, ghax il-provi juru li sar fl-interess generali ta' min joqghod f'dik il-gzira, f'inizjattiva intiza sabiex jonqos it-tfiegh bl-addocc u abbuziv ta' terrapien b'detriment ghall-ambjent u wkoll ghas-sahha tal-pubbliku. Il-fatt li l-maggor parti tan-nies ma kinux ser juzaw il-barriera personalment, ma jfissirx, kif jidher li interpretat l-ewwel Qorti, illi l-inizjattiva ma hijiex ghall-beneficcju taghhom ukoll. Ghal kuntrarju, jekk il-problema tal-irdum illegali giet indirizzata, huwa l-pubbliku in generali illi finalment ibbenefika.

16. Fir-rigward tal-espressjoni "interess generali" l-Qorti Ewropea taccetta li "*the Court will respect the legislature's judgment as to what is in the general interest unless that judgment is manifestly without reasonable foundation*" [vide Immobiliare Saffi v. Italy, [GC], no. 22774/93, § 49, ECHR 28 July 1999]. Fil-kaz odjern din il-Qorti ma tirriskontra ebda fattur li ragjonevolment iwassal ghall-konkluzjoni li t-tehid tal-barriera in kwistjoni ma saritx ghal skop pubbliku u fl-interess tar-residenti t'Ghawdex.

[25] Vide xhieda ta' Klement Azzopardi li fiz-zmien rilevanti kien Land Engineer Assistant fid-Dipartiment tal-Artijiet, a fol 220 et seq fejn jghid: *"...minhabba l-ambjent….din kienet disused quarry...u allura kulhadd jitfa` go fha….jigifieri din kienet for a public purpose u kulhadd seta` jmur jitfa` go fiha."*

17. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

*It-Tieni Aggravju*

18. Permezz ta' dan l-aggravju l-konvenut jilmenta, inter alia, illi l-ewwel Qorti meta laqghet it-tieni talba tal-attur injorat it-tieni parti ta' dik it-talba li permezz taghha l-attur talab li l-Qorti ssib li l-konvenut kien agixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrattiva '*peress illi t-talba ghall-esproprijazzjoni ma gietx ezercitata fil-limiti permessi mill-ligi*'.

19. Jghid ukoll li mhux minnu li l-attur ma kienx nghata smigh xieraq skont il-principji tal-gustizzja naturali. Jissenjala li l-piz tal-prova dwar dan kien fuq l-attur li ghamel din l-allegazzjoni. Jghid li, mhux talli ma sarux diskussjonijiet mal-attur izda mill-provi jirrizulta li huwa kien gie mismugh diversi drabi qabel ma ttiehdet id-decizjoni . Jghid li dak li qal Emanuel Vella, haten l-attur, ma giex korroborat u l-ewwel Qorti emmnet dak li qal dan ix-xhud minghajr ma ikkonsidrat il-pika li tezisti fost il-kuntratturi kompetituri. Jispicca billi jghid li hu agixxa b'mod legali u gust u ezercita d-diskrezzjoni tieghu fil-limiti permessi mill-ligi.

20. L-atturi jwiegbu ghal dan l-aggravju bis-sottomissjoni illi l-ghazla tal-barriera in kwistjoni li tigi esproprjata ma kinitx taghmel sens,

partikolarment ghaliex hemm numru ta' barrieri abbandunati f'Ghawdex li setghu jintghazlu ghall-esproprju, inkluza dik sitwata adjacenti l-barriera uzata mill-attur, izda minnkejja dan, intaghzlet proprju l-barriera wzata mill-attur u li tinsab fit-tramuntana estrem ta' Ghawdex. Barra minn hekk, ma kien hemm ebda konsultazzjoni mal-attur u ghalhekk inkiser id-dritt tieghu ghal smigh xieraq.

21. Dwar is-sottomissjoni tal-konvenut li d-decizjoni tal-ewwel Qorti hija *ultra petita*, jghidu illi l-ewwel Qorti rat ukoll jekk l-esproprjazzjoni kinitx giet ezercitata fil-limiti permessi mill-ligi u, wara li dehrilha li l-Kummissarju ma osservax id-dritt ta' *audi alteram partem* u ma tas-smigh xieraq lill-attur, hija ddecidiet illi d-diskrezzjoni ta' gudizzju ma gietx ezercitata fil-limiti permessi mill-ligi.

22. Dwar is-sottomissjoni tal-konvenut illi l-attur huwa biss l-inkwilin u mhux is-sid tal-barriera, jissenjala illi huwa assodat fil-gurisprudenza li l-Qorti trid tiddeciedi fil-limiti tal-kontestazzjoni tal-partijiet. Ghalhekk, ga ladarba l-konvenut ma eccepiex in-nuqqas ta' *locus standi* tal-attur f'dawn il-proceduri, allura ma jistax jippretendi li l-Qorti tal-Appell tidhol fil-kwistjoni issa. Fi kwalunkwe kaz, l-esproprijazzjoni kellha effett kbir u gravi fuq l-attur kwantu tterminatlu l-kirja li biex akkwistaha kien hallas ammont sostanzjali ta' flus bhala rigal. Jissottometti li l-fatt li, ghar-rilaxx tal-barriera, is-sidien iddikjaraw li ma kellhom ebda pretensjonijiet kontra

l-konvenut, ma jfissirx li l-attur ma giex ippregudikat, iktar u iktar meta huma kienu ga hadu r-rigal minghand l-attur.

23. Jghid ukoll li, il-fatt li l-attur ma kellux *operating licence* sabiex jordom fil-barriera *de quo* ma kellu ebda impatt fuq il-kwistjoni in dizamina, tant li anke l-awtoritajiet stess awtorizzaw l-uzu ta' dik il-barriera mill-kuntratturi l-ohra.

24. Isostnu wkoll li l-kirja li kellu l-attur ma hijiex nulla: fl-ewwel lok ghaliex ma gietx hekk dikjarata minn qorti u, fit-tieni lok ghaliex fl-iskrittura ta' lokazzjoni hemm terminu, jew ahjar perjodu, determinat ghall-uzu taghha, fis-sens li l-lokazzjoni tintemm wara li tintela' l-barrriera.

**<u>Konsiderazzjonijiet tal-Qorti</u>**

25. Hawnhekk il-konvenut jissottometti illi l-ewwel Qorti injorat it-tieni parti tat-tieni talba tal-attur, jigifieri li l-konvenut agixxa b'nuqqas serju ta' diskrezzjoni amministrattiva '*peress illi t-talba ghall-esproprijazzjoni ma gietx ezercitata fil-limiti permessi mill-ligi*'. Hu jghid li ma kienx hemm vjolazzjoni tal-principji tal-gustizzja naturali senjatament dak tal-*audi alterm partem*. L-atturi minn naha taghhom jikkontendu li kien minhabba

n-nuqqas ta’ smigh xieraq illi l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi d-diskrezzjoni tal-konvenut ma gietx ezercitata fil-limiti permessi mill-ligi.

26. Il-Qorti tosserva li minn ezami tal-provi prodotti quddiem l-ewwel Qorti jirrizulta s-segwenti.

27. L-ghazla tal-barriera in kwistjoni saret minn Bord mahtur appozitament biex jidentifika barrieri li setghu jintuzaw ghall-iskop tal-irdim ta’ dan il-materjal. Il-konsiderazzjonijiet li kienu jittiehdu fl-ghazla ta’ dawn il-barrieri kienu fost ohrajn, il-*location*, l-accessibilita` u l-volum li kien jista’ jintuza’ fil-barriera.[26] Ix-xhud Joseph Portelli, Direttur Progetti u Zvilupp tad-Dipartiment jelenka tnax-il barriera li l-imsemmi Bord kien identifika bhala barrieri li setghu potenzjalment jintuzaw ghall-iskop intiz.[27] L-istess xhud jikkonferma wkoll illi kien hemm zewg barrieri ohra li gew esproprijati oltre l-barriera in kwistjoni.[28] Kien hemm ukoll barrieri ohra illi permezz ta’ ftehim bejn il-konvenut u s-sidien, thallew jintuzaw ghall-istess skop izda minghajr ma saret esproprjazzjoni[29], filwaqt li kien hemm talba ghal esproprijazzjoni ta’ barriera ohra li pero` lahqet intliet u ghalhekk ma kienx ghad baqa’ skop ghal esproprijazzjoni.[30]

---

[26] Vide xhieda ta' Joseph Portelli a fol 50 u fol 56
[27] Fol 57
[28] Vide xhieda ta' Joseph Portelli a fol 164
[29] Ibid fol 163
[30] Ibid fol 162

28. Jirrizulta wkoll illi l-Ministeru ghal Ghawdex kien applika ghal permess (applikazzjoni numru 2502/1996) sabiex il-barriera in kwistjoni tintuza bhala *dumping site* ghal-*building rubble*, u wara li sar id-debitu Environment Impact Assessment, kienet giet approvata u kien hareg il-permess ghaliha mid-DCC.[31] Jirrizulta wkoll illi l-barriera in kwistjoni, li taghha l-attur huwa biss il-kerrej, u li kienet tappartjeni lil Joseph Zammit, ma kellha ebda permess sabiex jintrema' terrapien fiha u li fiz-zmien li kienet tintuza mill-attur, l-imsemmija barriera kienet meqjusa bhala 'disused'.[32] Jirrizulta pero` li, wara li saret l-esproprjazzjoni kontestata u meta allura l-barriera kienet diga` fil-pussess tal-awtoritajiet fis-sena 2002 inhareg il permess relattiv.[33]

29. Jirrizulta wkoll illi kienu saru diversi laqghat u giet skambjata korrispondenza bejn il-partijiet b'tentattiv li tinstab xi tip ta' soluzzjoni bonarja, izda minghajr success.[34]

30. Skont ix-xhud Emanuel Vella kienet saret laqgha bejn il-kuntratturi kollha ta' Ghawdex u l-Ministeru sabiex jgharrfuhom illi setghu jordmu fil-barrera in kwistjoni, izda l-attur kien thalla barra minn tali laqgha b'mod

[31] Vide xhieda ta' Kevin Mallia in rapprezentanza in rapprezentanza tal-Awtorita` Maltija ghal Ambjent u Ppjanar a fol 65.
[32] Vide xhieda ta' Kevin Mallia [supra] a fol 68
[33] Vide xhieda ta' Franco Pisani in rapprezentanza tal-MEPA a fol 107
[34] Vide affidavit ta' Emanuel Vella a fol 134 et seq

diskriminatorju.[35] Din il-Qorti tinnota pero` illi, apparti li tali xhieda ma giet bl-ebda mod korroborata, ma tressaq ebda motiv ta' status wara d-diskriminazzjoni allegata.

31. Fid-dawl tal-premess, din il-Qorti ma tirriskontra ebda nuqqas fid-diskrezzjoni amministrattiva ezercitata mill-Kummissarju konvenut u l-ordni tieghu ghal esproprjazzjoni saret fil-parametri li trid il-ligi. Il-fatt li nzammu numru ta' laqghat mal-attur sabiex l-awtoritajiet jisimghu x'kellu xi jghid gie ikkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Emanuel Vella. Issa, jekk dawn il-laqghat u l-korrispondenza skambjata ma wasslux ghar-rizultat mistenni mill-attur, dan ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li kienet saret ingustizzja mal-attur, jew li gie ezercitat fil-konfront tieghu nuqqas serju ta' gudizzju fid-diskrezzjoni amministrattiva.

32. Ma jirrizultax lil din il-Qorti dak li irrizulta lill-ewwel Qorti illi l-principji ta' gustizzja naturali, b'mod partikolari il-principju ta' *audi alteram partem*, gew vjolati. Ghall-kuntrarju, ghalkemm l-attur ma kienx sid il-barriera in kwistjoni, izda biss l-inkwilin, xorta wahda ssejjah ghal laqghat li fihom giet esplorata u diskussa l-possibilita` li jintlahaq ftehim bonarju; il-fatt li ftehim ma ntlahaqx, ma jfissirx illi l-attur ma nghatax lehen.

33. Kuntrarju ghal dak osservat mill-ewwel Qorti, mill-provi ma jirrizultax li kien hemm xi motivi ulterjuri jew li setghu ittiehdu xi

[35] Fol 137

konsiderazzjonijiet zbaljati jew illeciti fl-uzu tad-diskrezzjoni ezercitata mill-awtoritajiet f'dan il-kaz. Kif irrizulta mill-provi, il-barriera mertu tal-kaz odjern kienet parti minn lista ta' barrieri ohra u li dwarhom kien sar ezercizzju sabiex tigi identifikata l-barriera l-aktar idoneja sabiex tintuza ghar-rimi tal-iskart. Huwa wkoll relevanti l-fatt li, apparti l-barriera *de quo* li kienet fil-pussess tal-attur, gew esproprjati wkoll zewg barrieri ohra u wkoll kien hemm barrieri ohra li dwarhom ntlahaq ftehim ghal l-uzu taghhom ghall-istess skop, minghajr il-htiega li jigu esproprijati. Dan ifisser illi l-barriera *de quo* ma kinitx l-uniku wahda illi giet mehuda mill-konvenut ghal skopijiet ta' rdim. Fatt dan, li mhux biss jindika illi l-attur ma giex trattat b'mod iktar gravuz minn persuni ohra bhalu, izda huwa korroborattiv tal-iskop pubbliku inkwantu jindika wkoll li tassew kien hemm il-htiega li l-awtoritajiet jipprovdu *dumping sites* ghall-uzu pubbliku sabiex jindirizzaw il-problema tal-irdim abbuziv.

34. Ghaldaqstant dan l-aggravju huwa gustifikat u qed jigi milqugh.

35. Illi, tenut kont li l-ewwel zewg aggravji tal-konvenut gew milqugha, din il-Qorti mhux ser tiehu konjizzjoni aktar tat-tielet aggravju, li jiitratta dik il-parti tas-sentenza appellata fejn il-konvenut gie dikjarat responsabbli ghad-danni rizultanti mill-agir tieghu.

**Decide**

Ghar-ragunijiet premessi din il-Qorti tilqa' l-appell tal-konvenut, thassar is-sentenza appellata, u konsegwentement tichad it-talbiet tal-attur.

L-ispejjez taz-zewg istanzi jkunu a kariku tal-attur.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>Prim Imhallef | Giannino Caruana Demajo<br>Imhallef | Noel Cuschieri<br>Imhallef |

Deputat Registratur
mb